**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Pulizija
Spettur Alfred Mallia

Vs

Joseph Cioffi.

Illum 19 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba kontra Joseph Cioffi ta' 21 sena bin-numru tal-identita' 221579M, bin Angelo u Doris nee' Camilleri mwieled Zabbar fit-9 ta' Marzu 1979 u residenti 'St. Mary', Triq il-Fabbriki, Xghajra.

Talli fit-30 ta' Jannar 2001, ghall-habta tal-10.00am, fil-Kalkara, bil-hsieb li jikkommetti serq wera dan il-hsieb b'atti esterni li taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi pprova jisraq spoiler ta' wara ta' vettura Opel Astra numru tar-registrazzjoni XON 479, li l-valur tieghu jaccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda ma' jaccedix l-elf lira maltin (Lm1,000), liema tentattiv ta' serq huwa kkwalifikat bil-valur, u dan ghad-dannu ta' John Gulia mill-Kalkara, liema serq ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 261 et seq;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Joseph Cioffi hati ta''kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta,tikkundanna lill-imsemmi imputat ghal piena komplessiva ta’ tlett (3) xhur prigunerija u tordna li din is-sentenza m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.